# 136 *Bil-lest is-Saltna hi —Ħa tiġi!*

## (Rivelazzjoni 11:15; 12:10)

1. Ġeħova, minn dejjem int kont:
   Setgħan, glorjuż, etern.
   ’L-għażiż Ibnek tajtu it-tron;
   Hu jmexxi dan il-gvern.
   Is-Saltna twaqqfet fis-smewwiet,
   Se timla l-art b’sliem u barkiet.

(*KOR*)

*Għax issa se naraw*
*Is-Saltna, il-qawwa, ’l-ħelsien.*
*Bil-lest is-Saltna hi.*
*“Ħa tiġi!” nitolbu flimkien.*

2. Għalkemm ngħixu f’jiem ta’ inkwiet,
   Ma niffokawx fuq dan
   Għax nafu li dan għal ftit biss—
   Qrib hu t-tmiem tax-Xitan.
   Is-Saltna twaqqfet fis-smewwiet,
   Se timla l-art b’sliem u barkiet.

(*Kor*)

3. Fis-sema b’ferħ l-anġli jkantaw
   Għax tkeċċa ix-Xitan.
   Hu twaddab lejn l-art għal ftit żmien;
   Fis-sema hemm serħan!
   Is-Saltna twaqqfet fis-smewwiet,
   Se timla l-art b’sliem u barkiet.

(*Kor*)

(Ara wkoll Dan. 2:34, 35; 2 Kor. 4:18.)

*snylpnw*-MT No. 136 4/15
© 2015 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania